**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023**

Kawża Numru: 14/2022 (JPG)

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Svein Zammit**

- **<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tas-soċjeta' attriċi Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited ipprezentat minnha fil-31 ta' Mejju 2022 fejn is-soċjeta' attrici ippremettiet s-segwenti: -

*"Illi l-konvenut għandu jagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma kumplessiva ta' tlett elef, mitejn u ħamsa u ħamsin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3,255,88), liema somma tirraprezenta prezz mhux imħallas għal merċa li giet mibjugħa u kkonsenjata lil-konvenut mis-soċjeta' attriċi liema prezz baqa' qatt ma thallas.*

*Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex jgħaddi għall-ħlas tal-ammont surriferit anke permezz ta' Ittra Uffiċjali bin-numru 13/2022 pprezentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), hu baqa' inadempjenti. Għalhekk kellha ssir din il-kawża fil-konfront tal-konvenut li minn issa hu nġunt għas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imgħaxijiet legali sa mid-data ta' l-aħħar fattura sal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali numru 13/2022 hawn fuq riferita, kif ukoll b'rizerva għal kwalsiasi ammont ulterjuri li talvolta jista' jkun dovut lis-soċjeta attriċi.*

Ra li l-intimat għalkemm ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, huwa naqas li jipprezenta risposta entro t-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hu personalment jew rapprezentant legali tiegħu għas-smiegħ ta' dan il-kaz biex jikkontesta dak reklamat mis-socjeta attrici.

Sema' x-xhieda ta' Marvin Sapiano fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2023.

Ra l-atti kollha tal-proċess inkluz wkoll id-dokumenti kollha prezentati.

- ***<u>Kunsiderazzjonijiet Fattwali</u>***

Ikkunsidra

Għalkemm minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta li l-intimat baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, il-kontumacja mhix ekwivalenti għall-ammissjoni tat-talbiet tas-socjeta attrici. Is-socjeta attrici xorta kienet taħt l-obbligu li hija tipprova l-kaz tagħha sal-grad li trid il-liġi fi proceduri civili. It-Tribunal iqis li s-socjeta attrici dan għamlitu sodisfacentement:

(i) Marvin Sapiano għan-nom tas-socjeta attrici ikkonferma li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba għadu dovut fl-intier tiegħu u li l-intimat ma kien għamel l-ebda pagament akkont;

(ii) Is-socjeta attrici ipprezentat wkoll mhux biss l-istatement tal-invoices dovuti izda wkoll kopja tal-invoices li għalihom hemm riferenza fl-istatament. Dawn jirrizultaw li huma iffirmati jew mill-intimat inniffsu jew inkella mill-persuna li kienet tkun fid-Down Town Hotel. Dawn id-dokumenti wkoll ġew konfermati bil-ġurament mill-istess Marvic Sapiano fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2023.

Konsegwentement għalhekk it-talbiet tas-socjeta attrici jimmeritaw li jiġu milqugħa.

Għar-rigward minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxxijiet bl-ogħla rata permessa mil-liġi, is-socjeta attrici qegħda titlob li l-interessi jiġu komputati mid-data tal-għaxra (10) ta' April 2020, li hija d-data tal-aħħar fattura. Mill-ammont ta' kunsinni li kienu qegħdin isiru kif wkoll mill-fatt li l-konsenji kienu qegħdin isiru ġewwa l-istabbiliment kummercjali Down Town, huwa car li dan id-debitu huwa wieħed kummercjali. Għalhekk it-talba tas-socjeta attrici f'dan ir-rigward hija wkoll mistħoqqa. Dan għaliex fit-termini tal-artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 la darba l-obbligazzjoni tkun waħda ta' natura kummercjali, l-imgħaxxijiet għandhom jibdew jgħaddu *ipso jure*.

It-Tribunal jinnota wkoll li għalkemm is-socjeta attrici qegħda titlob l-ispejjez tal-ittra ufficjali numri 13/2022, kopja ta' din l-ittra baqgħet qatt ma ġiet prezentata in atti. Għalhekk in kwantu jirrigwarda dawn l-ispejjez it-Tribunal mhux f'posizzjoni li jilqa' t-talba.  Dan għaliex prova ta' din l-ittra ma inġabitx.

- ***<u>Decide</u>***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tlett elef mitejn u ħamsa u ħamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€ 3,255.88) bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tal-għaxra (10) ta' April 2020 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-prezenti istanza (eskluz pero l-ispejjez relattivi għall-ittra ufficjali numru 13/2022 indikata fl-avviz tat-talba) għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
*Gudikant*

(ft.) Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur